Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**Id-Disa' LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 3**
**Tlieta 06 ta' Awissu 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Sindku
Margaret Baldacchino Cefai : Kunsillier
Christine Amaira : Vici Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean-Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Andrew Mallia : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Christopher Borg : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv (Agent)

**Minuti**

Is-Sindku Charles Selvaggi ippresieda l-laqgħa.

**3.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

3.1.01 Il-kunsilliera kienu kollha preżenti

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

3.1.02 Il-minuti tas-Seduta L9-02, ittieħdu bħala moqrija.
Saret korrezzjoni fil-minuti 2.3.06 u 2.5.10c
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

3.3.01 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar sejħa ta'interess għar-residenti tas-Swatar (l-Imsida) biex ikunu membri ta' Sotto-Kumitat mexxi mal-kunsillier responsabli sabiex jieħdu ħsieb jiddiskutu dak li hemm bżonn ħalli l-kunsill ikun jista' jaqdi aħjar din il- komunità.

3.3.02 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa ma Msida St Joseph football fejn ġie diskuss il-grawnd li se jittieħed lura mil-Materdei u fejn possibbli ssir kollaborazzjoni. Tkellem ukoll dwar proposti sabiex jsiru attivitajiet konġunti bejn l-għaqdiet lokali

3.3.03 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li għada ġejja mal-Ministru tal-Edukazzjoni f'rigward tal-iskola primarja u il-parkeġġ

3.3.04 Is-Sindku Charles tkellem dwar xogħol li qed ssir mill-Infrastructure Malta go Triq Bordin u xogħol ieħor li jrid jibda go Triq Garcin u Triq l-Għajn tal-Ħasselin

3.3.05 Is-Sindku Charles tkellem dwar ix-xogħol li jrid fil-parti magħluqa go Triq Achille Ferris fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li wara bosta xhur ta'nuqqas ta'qbil bejn il-parti privat u Infrastructure Malta dwar dak li għandu jsir u min se jagħmel u kif se jsir ix-xogħol issa ħareġ li hemm ukoll intopp ieħor mal-awtorità tal-ippjanar.

3.3.06 Is-Sindku Charles tkellem dwar il-problema li hemm fil-ġibjun go Triq il-Wied u għarraf lill Kunsilliera preżenti li sar kuntatt ma' l-PWD fejn il-kunsill ġie nfurmat li xogħol ta'tindif huwa pjanat li jsir f'Settembru. Tkellem ukoll dwar il-papri u bżonn li jsir tindif tal-arja mal-madwar
Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk hemm hux se jsir x'proġett għax fil-każ il-kunsill jara kif jista' ssir parkeġġ
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kien hemm proposti pjanti għal grawnd tal-football u parkeġġ miegħu iżda jidher li hemm kollox wieqaf u ħadd ma jaf xejn

**3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

3.4.01 B'referenza għal minuti 2.3.06 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar fejn hemm parti li tidher li l-bażi qed iċċedi go Rue D'Argen ħdejn il-pedestrian crossing u spjega li saret korrispondenza ma'l-IM f'rigward Iżda għad ma' hemx risposta.

3.4.02 B'referenza għal minuti 2.3.08 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar il-laqgħa li kellu ma'l-LESA sabiex permezz ta'rondi jiżdied l-infurzar f'rigward l-abbużi relatata ma'skart u għarraf lill kunsilliera preżenti li għal dan is-servizz intalab il-ħlas minħabba li l-uffiċjali jinqalaw apposta biex jagħmlu rondi extra .Tkellem ukoll dwar koperazzjoni mill pulizija tal-komunità li qed jassistu f'proġett pilota u jduru miegħu f'blokki ta'appartamenti li jiġu rapportati fejn qed jitkellmu ma residenti li jsibu li qed jiġu preżentati b'notifika bħala twissija li qed tinkiser il-liġi .F'rigward tal-Era spjega li sal-ġurnata għadu qed jipprova jirranġa appuntament. biex ssir laqgħa magħhom filwaqt li ġew mgħoddija ċifri ta'kemm saru multi relatati matul l-ewwel sitt xhur tas-sena fejn għalkemm jidher li l-aktar li ħarġu huwa ġol-Imsida l-ammont għadu baxx meta mqabbel mal-problema li hawn.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-ħin li qed jinġabar l-skart fejn go ċertu postijiet il-kollezzjoni qed ssir tard wisq wara nofs nhar

Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa tar-reġjun l-kuntrattur għal ġbir ta'skart ġie diskuss fejn ingħataw dettalji dwar il-kuntratt u d-default notice kif ukoll it-tħassib li hemm dwar is-sitwazzjoni preżenti u kemm jista' jasal meta dan qed jopera go tlett Reġjuni differenti.

Il-Kunsilliera preżenti komplew id-diskussjoni dwar x'jista' jsir f'rigward tal-kollezzjoni tal-iskart domestiku u l-ħin li jista' jkun addattat li jsir

Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar avviżi (stickers) għal mal-bibien tal-blokki ta' appartamenti u staqsiet jekk hemmx dettalji tal-kuntratturi li jiġbru lill tal-ħwienet

Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li qed jara mal-amministraturi li jsiru min dawn l-Avviżi filwaqt li Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kunsill ma għandux lista tal-kuntratturi li jiġbru min għand tal-ħwienet

3.4.03 B'referenza għal minuti 2.5.02 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar attività tal-anzjani li kienet tajba b'attendenza ta 45 persuna

3.4.04 B'referenza għal minuti 2.5.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx tentattiv ieħor ma Transport Malta sabiex ikun permess ssir parkeġġ fuq il-Bankina bejn is-7:00pm u 7:00amgo Triq il Ħarrub.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ghadu ma'sarx

3.4.05 B'referenza għal minuti 2.5.07 is-Sur Nicholas J Chircop staqsa jekk kienx hemm bins biex jsiru ġol-pjazzetta ta' Triq l-Għeriexem.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma'kienx għad hemm b'hekk trid ssir ordni

3.4.06 B'referenza għal minuti 2.5.11e dwar kollaborazzjoni permezz ta' Xogħlijiet Pubbliċi mill-gvern għal-kunsilli lokali , Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti l kumitat maħtur għadu ma' għamilx laqgħa' minħabba li għadu mhux ċar kemm hemm fondi jew x'jkopru eżatt sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni għalihom.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skond il-lista li tinsab f'sistema tal- applikazzjoni elettronika hija limitata għal manutenzjoni u tiswija ta' kulverts , Mogħdija; ħofor u patching , xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tiswija ta' ħitan (esklużi ħitan tas-sejjieħ) fost oħrajn. Dwar kemm hemm fondi li jista' juża il-kunsill għad ma'għandux informazzjoni filwaqt li dak li hemm bżonn huwa li jiġi deċiż x'jista' ssir skond il-lista msemmija u il-perit jipprepara id-dokumenti meħtieġa bħal pjanta tas-sit, X'qed jintalab ssir b'dettal u l-BOQ speċifiku għalihom.

**3.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

3.5.01 Is-Sindku Charles tkellem dwar għassa tal-Pulizija li ġiet magħluqa għal rinnovar u komplikazzjonijiet legali mal-privat li ilhom għaddejja diversi xhur li jfisser li din mhux mistennija tinfetaħ malajr. Minħabba f'hekk ir-resident qed ibati min inkonvenjent sabiex jinqeda apparti it-tħassib ta' nuqqas ta-sigurtà Hawn poġġa fuq il-mejda ittra li ġiet moqrija sabiex l-kunsill jikkunsidra u japprova li tintbagħat lill-Ministru tal-Intern sabiex iwassal xi proposti għal soluzzjoni temporanja sakemm l-għassa tarġa tiftaħ . Dawn huma li ssir ftehim sabiex tinkera id-dar fejn kienet l-għassa qabel jew jintuża l-spazju t'isfel fil-bini tal-Gvern il-ġdid biswit il-kunsill jew ssir struttura bħal ma l-pulizija qed jużaw ġol-Ħamrun jew għal bżonn Il-Kunsill lest joffri il-Board Room fil-bini amministrattiv biex isservi bħala għassa temporanja.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li tintbagħat l-ittra proposta kif moqrija

3.5.02 Is-Sindku Charles tkellem dwar Proġetti relatati ma integrazzjoni finanzjati min fondi Ewropew li ġew applikati f'xhur li għaddew bħala msieħeb ma organizzazzjonijiet min pajjiżi oħra fejn spjega li dawn jinvolvu visti barra mill pajjiż li se jkunu qed jattendu għalihom is-Sur Alex Zammit li kien involut b'ħidma bħala koordinatur għal programm ta' attivitajiet li fihom se jkun qed jipparteċipa l-Kunsill lokali tal-Imsida , Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai bħala responsabli mil-qasam relatat , Kif ukoll f' xi okkażjonijiet Is-Sur Christopher Borg bħala responsabli min Relazzjonijiet Internazzjonali u hu stess bħala Sindku

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera bi-dettalji ta'dawn il-proġetti primarjament finanzjati min fondi DEAR (EU) biex jintużaw b'skop li jsiru workshops u konferenzi li jwasslu li jintlahqu jilħqu l-objettiv tal Ġnus magħquda f'dan il-qasam. Spjegat ukoll li wħud min dawn il-wokshops għandhom jsiru go Malta fejn il-Kunsill Lokali b'sħab ma'KOPIN se jkun involut bl-Organizzazzjoni tagħhom

3.5.03 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar biċċa art privata go Triq Santa Venera k/m ma' Triq il- Wied sabiex ssir kuntatt mas-sid u jintalab biex inaddaf
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota

3.5.04 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar karozzi bla liċenzja ħdejn il-ġibjun b' xi wħud minnhom li anke jinstaqu fit-triq
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota

3.5.06 Is-Sur Maurice Agius tkellem biex jsiru dog bins go Triq Xatt ta' Xbiex u ssuġġerixxa li jsir x'haġa minnhom fuq fuq il-bankina faċċata tal-promenade
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai ssuġġerit li fuq il-promenade dawn għandhom ikunu mal-Bins tar-riċiklaġġ filwaqt li l-kunsilliera preżenti ddiskutew dwar dawk fuq l-bankina faċċata tal-promenade minħabba ir-residenzi u ħwienet fejn is-Sur Maurice Agius indika post vakanti viċin ta'Triq J. Navarro biex ssir wieħed b'prova
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u għarraf lill kunsilliera preżenti li hemm bins suwed li jiġu jaqblu mal bins l-oħra fuq il-promenade

3.5.07 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-blokka ġdida ta'appartamenti tal-Gvern li tmiss ukoll ma'Triq il-Wied u spjega li min hemm qed ikun hemm ħafna nies li jridu jaqsmu għal faċċata fuq naħa tal-kunsill għalhekk hemm bżonn li ssir pedestrian crossing u talab sabiex ssir talba ma'TM biex din ssir
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ftit ta'snin ilu kien hemm ġa talba simili biex di issir u ma ġietx approvata min TM.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li se jerġa jipprova jagħmel talba oħra

3.5.08 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-Belisha lights li go Triq Xatt ta'Xbiex li mhux qed jaħdmu
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota

3.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar liż-Żebgħa għal-pedestrian crossings go Rue'D'Argen
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ix-xogħol rrid jiġi pjanat sew minħabba it-traffiku li jgħaddi min hemm apparti il-problema strutturali li hemm fuq dik ta'fejn ta' fejn l-għassa kif ssemma aktar qabel. Tkellem ukoll dwar il-limitazzjonijiet f'rigward tal-ħaddiema assenjati fuq barra fejn wieħed minnhom riżenja min mal-iskema b'hekk issa kull ma baqa' huwa wieħed biss u biex jagħmel x'ħaġa li kapaċi jagħmel irrid jiddependi min x'ħadd li jwasslu għax ma dan ma jafx jsuq. B'hekk qed jara ma' l-CWS jekk hemmx nies kapaċi jagħmlu ċertu xogħol li n jistgħu jibgħatu.

3.5.10 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem talba min xi residenti biex ssir Bus Stop go Triq Box Box
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew ir-rotta tal-linja fl-inħawi u fejn din tista' ssir fejn ġie propost il-parti min fejn ssir il-ħruġ għal Triq Regjonali min Triq Box Box

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota

3.5.11 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar dak li ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li se jżomm xi ordnijiet ta' xogħolijiet mil-kuntrattur

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-mument ma 'jistax jikkometti b'ordnijiet ta'xogħol mingħajr fondi allokati sakemm dan jista' jistenna. Tkellem ukoll dwar laqgħa ma'Dipartiment għal Gvern Lokali minħabba li is-sena preċedenti għalqet b'infiq aktar mill allokazzjoni annwali se jkun qed jispjega aktar fid-dettal l-x'ħin Jiġi preżentat ir-rapport finanzjarju trimestri għal- perjodu minn Jannar sa l- aħħar ta'Ġunju 2024.

Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li kull biċċa xogħol tiswa il-flus għalhekk irrid ssir ħsieb sew min qabel fejn il fondi jistgħu jintużaw.

3.5.12 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar tlett (3) fanali ornamentali ta go Triq il-Wied li qed jitqaċċtu min mal-ħajt u poġġa fuq il-mejda stima sabiex dawn jinxtraw

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li ġa kien ta'struzzjonijiet sabiex jinġabru stimi opra li sa fejn huwa infurmat ġa intalbu kif ukoll kien hemm ukoll rispons min xi aġenti għalhekk se jara dwarhom. Tkellem ukoll dwar il-problema ta dawn il-fanali li tinsab fil-bażi tagħhom li teħel ma l' ħajt u mid-dehra peress li dawn saru bosta snin ilu l-V channel tal-fergħa li jidħol fil bażi b'żmien u l-elementi twesgħa u qed joħroġ il-barra mil gwida. Għalhekk jista' jkun li fi ftit żmien se jkun hemm bżonn li jinbidlu l-kwantità kollha li hemm fit-triq. Hawn spjega li hija ħasra għax kieku jinstab mezz kif issolvi il-problema tal-bażi dawn il-fanali li l-fergħa għada f'kundizzjoni tajba jistgħu jiġu salvata

Is-sur Maurice Agius offra biex jara x'jista' ssir

3.5.13 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar il-knis u llmenta li f'xi toroq dan ssir min taħt il-kurduna biss u l-wiċċ tal bankina ma jsirx

3.5.14 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar il-planters u siġar / pjanti li hemm go Triq Dun Andre u quddiem iz-zuntier tal-kappella tal-kunċizzjoni li għandhom bżonn dawra inkluż l-żbir u ssuġġerixxa sabiex ikun kunsidrat li ssir xogħol ta' tisbieħ u mhux sempliċi dawra biż-żebgħa għax il-post qdiem.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew fil-qosor fejn semmiet ukoll proposta li kienet ġiet ikkomunikata għal konsultazzjoni ma'residenti biex ssir open air gym Iżda mir-risposti kien hemm bosta li ma' qablux. F'rigward ta'suġġeriment msemmi ma kienx hemm deċiżjoni

3.5.15 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar it-tiżjin ta' dawl tal-Milied sabiex il-kunsill jaħseb għalih u dwar Triq D'Argen..

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ssoltu f'Ottubru toħroġ sejħa għal stima sa' massimu ta €5000 eskluż l-VAT li tkopri bosta toroq Iżda mhux Triq D'Argen. Hawn spjega li f'snin li għaddew din (€2500) flimkien ma' tiżjin ta' siġar go Misraħ San Guzepp b'dawl tal-Milied (€600) kienu finanzjata min fondi apposta sa massimu ta'(€3000) għal proġetti b'kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant li għal din is-sena ma kienx hemm.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew x'hemm li jista' ssir bħala alternattiva fosthom ġbir ta'fondi mingħand il-komunità kummerċjali li mit-tiżjin tal-Milied jibbenefikaw ukoll.

3.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-stair lift li ilu snin bil- ħsara sabiex il-kunsill jara kif dan jista' jissewwa

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li dan qatt ma raħ jaħdem u kien hemm żewġt okkażjonijiet li ġab tekniċi biex jaraw x'jista' ssir Iżda konkludew li hemm ħsara f'xi elettronika li għal dan il-mudell peress li huwa antik ma ssibx parts u ma jaqbilx li jissewwa. Biss dejjem jista' jissejjaħ tekniku ieħor biex jara x'jista' ssir

3.5.17 Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li fil mument hemm erbgħa (4) sejħiet ta'tender *( Klmsd / Tdr/ 01 / 2024 Tender For The Provision Of Cleaning Services For The L-Imsida Local Council Offices And Civic Center ) ,( Klmsd / Tdr/ 04 / 2024 Tender For The Provision Of Driver Services Within The L-Imsida Local Council) , ( Klmsd / Tdr/ 02 / 2024 Tender For The Professional Services Of A Community Liason Manager In Relation With L-Imsida Creek Project Works Within The L-Imsida Local Council ) U ( Klmsd / Tdr/ 05 / 2024 Service Tender For The Provision And Maintenance Of Energy Efficient Street Lighting In L-Imsida And Parts Of Swatar Administered By The L-Imsida Local Council) .* li huma pendenti biex jibda il-proċess ta' evalwazzjoni tagħhom għalhekk qed jitlob lill bord maħtur sabiex jiffissa data mil-aktar sabiex jiltaqa'

il membri maħtura ftehmu għat Tlieta 13ta'Awissu fis-6pm

3.5.18 Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li waqt li kien qed jara xi figuri dwar is-servizz tal-ġbir ta'skart goff osserva li kien hemm diskrepanzi fl-ammonti miġbur li meta daħal iktar fil fond tagħhom skopra li l-kontijiet maħruġa mhux korretti għax l-ammont tal-ġbir ma kienx qed Jiġi maħdum kif suppost. Hawn spjega li ordna li ssir rikonċiljazzjoni sħiħa li kif mqabbla minnu ġie konfermat li l-ammonti ta'tariffa kwotat huma għan numru ta oġġetti miġbura u mhux għan numru li jammonta f''kollezzjoni residenzjali li ma ġewx verifikati kif suppost mill l-inkarigat. Għalhekk apparti li waqqaf kull pagament ta invoices pendenti u għal dawk li għad irridu jaslu , b'għat għal kuntrattur sabiex jagħmel it-tqabbil tiegħu ħalli jiġu rranġati id-diskrepanzi kif ukoll talab lill-avukat tal-kunsill sabiex jikteb ittra uffiċjali bil-qorti ħalli jkun ingħata bidu għal proċess f'każ ta'bżonn. F'rigward ta' passi oħra dixxiplinari qed jistenna sakemm jara f'hiex qed jiżviluppaw il-miżuri li tieħdu.

3.5.19 Is-Segretarju Eżekuttiv wasal id-dettalji dwar il-kontenut tar-rapport fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perjodu finanzjarju għalaq b'bilanċ pożittiv ta' 39% tal-allokazzjoni annwali li tiġi mgħoddija mil-Gvern Ċentrali. Hawn tkellem dwar in-nefqa rikorrenti li hija relatata mas-servizzi li l-kunsill huwa obbligat li jagħmel skont l-artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali fejn gideb l-attenzjoni li minkejja qed jidher bilanċ pożittiv meta tibda tqabbel id-dħul (€452,231) mal-ħruġ (€616,472) ssib li hemm żbilanċ fl-infiq ta' (-€164,241)

Hawn kompla jispjega li anke jekk il-kunsill se jkun qed jiġbor ċertu ammonti bħal eżempju mill-Wasteserv, Lesa u minn xi skemi ta' fondi oħra il-bilanċ ta 'dawn mhux se jkun biżżejjed u xorta se jkun hemm problema ta' *cashflow* li se jaffettwa il-bilanċ ta' riservi mwarrba biex jagħmlu tajjeb għal-proġett ġa approvati.

Wera wkoll it-tħassib fejn ġie osservat li l-spejjez għat -tipping fees ġa laħqu €94,432 sa nofs is-sena meta mqabbel €142,537 jew 66.25% mil-allokazzjoni annwali, L-stess jista' jingħadd ghall parks & gardens €28'644 min €23,059 jew 124.22%, il-knis €73,787 min €64,919 jew 113.16% , Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq inkluż id- dawl €148,837min €90,993 jew 163.56%.Għalhekk apparti li se jkun hemm bżonn ta reviżjoni tal-baġit sabiex il-kunsill jsostni l-impenn ta' ħlas li hemm jrid ukoll żomm kontroll fuq spejjez addizzjonali u jevita kull ħaġa oħra sakemm ma' jkunx hemm riżorsi finazjarji ġodda li jkunu ħarġu u ġew allokati apposta għalija.

Waqt il-laqgħa ma dipartiment msemmija aktar qabel dawn kienu punti li ġew spjegati fost ir-raġunijiet t' x'wassal għal infiq li huwa bżonn reali tal-operat tal-kunsill Iżda li mhux kopert bl-Allokazzjoni kif hi fil-preżent.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew ir-rapport li ġie approvat unanimament u affarijiet oħra relatati fosthom li ssir laqgħa mad-dipartiment għal Gvern lokali b'skop li jintalbu aktar fondi u tissahah l-allokazzjoni annwali

**03.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

Ma kienx hemm rapporti

**03.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

03.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K9-03 ta' ħlasijiet bejn l-10 ta'Lulju u s- 06 ta' Awissu 2024.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l- iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u sekondat mis-sinjura Margaret Baldacchino Cefai.

**03.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

03.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 07:40 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tnejn 2 ta'Settembru fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 17 ta' Settembru 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Alan Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |